**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 581/2024**

**Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Vasile Brudaru**

Illum it-2 ta' Settembru 2024

Il Qorti rat li tressaq taht arrest lil :

Vasile Brudaru ta' tmienja u għoxrin sena (28) , imwieled ir-Rumanija is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), residenti Book A Rest residence, Apt 9, Triq Schreiber, St. Julians u detentru tal-karta tal-identita' Rumena numru 577423 (1960726170074)

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawk talli b'diversi atti magħmulin minnek ukoll fi ġranet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoniji tal-liġi u jkunu ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, dana:

1. Talli nhar id-disgħa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn is-sagħtejn (14:00) ta' wara nofsinhar u l-erbgħa (16:00) ta' wara nofsinhar ġewwa Steak House Fluid Bar and Restuarant San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Zoltan Gulyas u/jew persuna u/jew persuni oħra;

2. Talli nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn it-tmienja (20:00) ta' filgħaxija u l-għaxra (22:00) ta' filgħaxija ġewwa Shawns, Triq Santu Wistin San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-ħin u bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Donatello Papile u/jew persuna u/jew persuni oħra;

3. Talli nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-ħamsa (5:00) ta' filgħodu u s-sebgħa (7:00) ta' filgħodu ġewwa l-McDonalds Bay Street San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-ħin u bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)

u dan sar għad-dannu ta' Nikita Scicluna u/jew persuna u/jew persuni oħra;

4. Talli nhar l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta tal-ħdax (11:00) ta' filgħodu u is-siegħa (13:00) ta' wara nofsinhar ġewwa McDonalds Baystreet San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Angela Silvestre u/jew persuna u/jew persuni oħra ;

**5.** Talli nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs (11:30) ta' filgħodu u is-siegħa (13:00) ta' wara nofsinhar ġewwa McDonalds tax-xatt tas-Sliema, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Stephanie Attard u/jew Ellayah Duca u/jew persuna u/jew persuni oħra;

6. Talli nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs (11:30) ta' filgħodu u is-sagħtejn (14:00) ta' wara nofsinhar ġewwa Busybee, ix-xatt tas-Sliema, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)

u dan sar għad-dannu ta′ Anna Catherine Monteith u/jew persuna u/jew persuni oħra;

7. Talli nhar l-għoxrin (20) ta′ Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta′ bejn l-għaxra (10:00) ta′ filgħodu u nofsinhar (12:00) ġewwa Luke Kebab Triq il-Wilġa San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta′ oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta′ elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta′ Yeidis Isabel Barrios Berdugo /jew persuna u/jew persuni oħra;

8. Talli nhar l-għoxrin (20) ta′ Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta′ bejn il-kwarta (00:15) ta′ filgħodu u s-siegħa u nofs (1:30) ta′ filgħodu ġewwa Hugo's Burger Bar Triq Santu Wistin San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta′ oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-ħin u bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta′ elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta′ Aws Aaaa Al Awadi u/jew persuna u/jew persuni oħra;

9. Talli nhar l- għoxrin (20) ta′ Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta′ bejn in-nofs siegħa (00:30) ta′ filgħodu u s-sagħtejn (2:00) ta′ filgħodu ġewwa My Way Triq il-Wilga San Giljan, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta′ oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-ħin u bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont

ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Luca Fico u/jew persuna u/jew persuni oħra;

10. Talli nhar l- għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn is-siegħa (1:00) ta' filgħodu u it-tlieta (3:00) ta' filgħodu ġewwa Shadows Club Triq San Gorg San Giljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus liema serq huwa ikkwalifikat **bil-ħin u bil-valur** li ma jeċċedix l-ammont ta'

11. elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-dannu ta' Francesca Abela u/jew persuna u/jew persuni oħra;

Il-Qorti hija ġentilment mitlub fil-każ ta` ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2024, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kien hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1] liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-

[1] Folio 5, 6 u 51 ta' l-atti processwali

Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal diversi granet f'Lulju 2024 meta sehhu diversi serqiet minn diversi postijiet u stabiliment varjati.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Fl-atti jinsab il-fedina penali ta' l-imputat aggornata sat-22 ta' Lulju 2024.[2] Illi din il-fedina hija netta izda tirifletti biss il-perjodu kemm ilu jghix meta Malta u mhux fedini ohra li jistghu jezistu f'gurisdizzjonijiet ohra.

- L-imputat ammetta fl-ewwel okkazzjoni li seta u fl-iktar stadju bikri. Konsegwentement il-Qorti tqis li l-ammissjoni saret fi stadju bikri u ghandha titqies bhala attenwanti favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu waqt is-smiegh tal-kawza tieghu u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[4], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[5] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[6]

- Illi fis-sottomissjonijiet taghha l-prosekuzzjoni talbet il-Qorti tikkunsidra piena ta' habs effettiv tenut kont tan-numru konsiderovli ta' serqiet li sehhu.

[2] Dok NZZ, Folio 8 ta' l-atti processwali
[3] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[4] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[5] Thomson Reuteurs, S-29
[6] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Id-difiza tabraccja ma din il-posizzjoni u illi filwaqt li din il-Qorti mhix marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tara li hija legalment proponibbli.

- Illi r-reat ta' attentat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-valur u l-hin u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu kif ukoll ghandha tizdied bi grad skond l-artikoli 279(a)) u 280(1) tal-Kodici Kriminali.

- Illi skont l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261, 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta issib lil Vasile Brudaru **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati tlett (3) snin prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati, **ihallas** is-somma individwali lil kull persuna imsemmi f'Dok MC1[7] l-ammonti indikati fl-ahhar kolonna bhala kumpens ta' l-oggetti u l-flus kollha misruqa fiz-zmien massimu skont il-ligi wara li jiskonta l-piena karcerarja. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar it-2 ta' Settembru 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

[7] Folio 52 ta' l-atti processwali

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**